Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 39– Il-Ġimgħa 25 ta' April 2018**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fl-4:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Bernard Carabott | Ambaxxatur |

39.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

**39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

39.2.1 Inqraw il-Minuti u gew ikkonfermati.

**39.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

39.3.1 Is-Sindku irrefera għal-laqgħa tas-Sindki li huwa attenda għaliha fid-Dolmen Hotel fejn wieħed mis-suġġetti kien il-'Futur tal-Kunsilli'. Huwa semma' li fost id-diskussjoniji spikkat id-diskussjoni dwar jekk is-Sindku għandux ikun full-time. Huma semma' li jidher li hemm minn jaqbel u hemm min ma jaqbilx.

39.3.2 Is-Sindku rrefera għal-kuntatt li kellu minn għalliema tal-*hairdressing* tal-MCast dwar il-faċilita' li r-residenti jistgħu jmorru jaqtgħu u jiżbgħu x-xahar b'xejn bħala prattika għall-istudenti ta' din l-istess skola. Sar qbil li għandna nġibu avviż dwar dan.

39.3.3 Is-Sindku rrefera għaċ-ċerimonja li attenda għaliha, dik tal-premjazzjoni ta' Premju Nazzareno Vassallo li għal dan il-premju l-Kunsill kien innomina lil Anthony Grech mil-lokalita' ta' Għajnsielem. Huwa fisser li minkejja li ma rebaħx, is-Sur Grech ħa pjaċir ħafna u apprezza ħafna din in-nomina.

39.3.4 Is-Sindku rrefera għal-kuntatt li kellu minn grupp ta' karozzi bir-*remote control* biex jorganizzaw attivita' fit-triq ħdejn il-Heliport. Talbuna ngħinuhom fl-organizzazjoni. Il-Kunsill qabel li għandu jobbligahom iġibu l-permessi necessarji ta' Transport Malta.

39.3.4 Ġiet trattata t-talba mingħand l-organizzaturi tal-Ultra Run Marathon li titlaq minn Għajnsielem sabiex nisponsorjaw xi ikel lill-parteċipanti. Il-Kunsill qabel li għandu joffri flixkun ilma lill-parteċipanti u li l-ispiża ma għandhiex taqbeż il-€150.

39.3.5 Is-Sindku rrefera għall-kuntatt li kellu Edwin Ciantar u Phyllis Portelli rigward il-ħtieġa biex issir parti minn Triq il-Provigarju. Is-Sindku semma' li l-Viċi Sindku Kevin Cauchi għandu xi informazzjoni x'jgħaddi lill-Kunsill dwar din il-materja. Il-Viċi Sindku semma li huwa tkellem ma' Edwin Ciantar, resident f'din it-triq ġdida li għada qatt ma saret. Huwa talab sabiex bħala Kunsill inressqu t-talba tagħna peress li s-servizzi u drenaġġ huma diġa mgħoddija. Huwa semma' li f'dan l-istadju huwa ssuġġerilhom li jagħmlu ittra u dawn imxew mas-suġġeriment tiegħu u ngabru l-firem biex issir Triq il-Provigarju mill-Gvern Ċentrali, peress li għadha qatt ma saret. Huwa spjega kif din hija waħda mill-aħħar toroq li fadal isiru f'Għajnsielem , din u Triq Wied Martin. Huwa saħaq li huwa mportanti li jsiru t-tnejn. Il-Viċi hawnhekk preżenta l-petizzjoni li ġiet mgħoddija lilu u sar qbil li bħala Kunsill għandna nibgħatu din il-petizzjoni lill-Ministru għall-Għawdex. Sar qbil ukoll li għandna nagħmlu bozza oħra f'din it-triq.

39.3.6 Is-Sindku rrefera għal-maltempata li ġrat il-Hadd 8 t'April 2018 u li permezz tagħha saret ħafna ħsara billi tqaċċtu s-siġar u anke tabelli waqgħu fuq xi vetturi. Is-Segretarja spjegat li ġiet avżata l-kumpanija tal-insurance b'dan il-każijiet biex nistħarrġu nistgħux niġbru l-ispejjes tal-ħsarat imġarrba. Saru ħsarat estensivi fosthom tqaċċit ta' siġar kbar kemm fil-Pjazza tad-Dehra, fi Pjazza Madonna ta' Loretu, kif ukoll tqaċċit ta' siġar f'Bethlehem f'Għajnsielem.

39.3.7 Is-Sindku rrefera għall-kuntatt li kellu mal-perit Godwin Sultana rigward il-fatt li l-EcoGozo fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex daħħlu il-proġett tal-Wied il-Kbir ta' Għajnsielem taħt il-Miżura 4.4.

39.3.8 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għal każ tal-inċident li kellu meta uża t-trakk tal-Kunsill għal xogħolijiet f'Bethlehem f'Għajnsielem. Huwa semma' li peress li l-insurance ma aċċettatx li tħallas l-ispejjes involuti, ser ikunu hu li ser joħroġhom minn butu. Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi qalllu mhux fair li jħallashom hu minn butu iżda kieku ikun sew li kieku l-Kunsill ikun infurmat.

39.3.9 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa mal-kuntrattur LBV Ltd fuq il-proġett tat-taraġ tal-pjazza li huwa mistenni jinbeda fil-15 ta' Mejju u jitlesta sa' nofs Lulju. Ser jitqabbad surveyor mill-kuntrattur biex jimmarka l-qisien tat-taraġ. Issemmiet wkoll il-problema tal-kamra taħt it-taraġ u li naraw kif ser induru magħha. Sar qbil li għandhom jiltaqgħu il Perit Shawn, Ing Mizzi u Ġanni Haber biex naraw kif ser jgħaddu l-wires tad-dawl minn taħt il-bankina.

39.3.10 Is-Sindku rrefera għall-istedina tal-Get together organizzat mill-Għaqda Drammatika bħala ringrazzjament għal dawk li kkonribwixxew lejn il-Pagaent tal-Ġimgħa l-Kbira. Is-Sindku fisser li din is-sena minħabba l-maltemp, il-pagaent ġiet organizzata fil-Ġimgħa l-Kbira u kien hemm attendenza tajba ħafna.

39.3.11 Is-Sindku rrefera għal-ħarġa tal-Erba' Festi fil-Belt li ġiet organizzata mill-Kunsill bil-kollaborazzjoni ta' Valletta 2018. Is-Sindku qal li huwa akkumpanja l-grupp u l-ħarġa rnexxiet u kienet interessanti ħafna.

39.3.12 Is-Sindku għamel referenza wkoll għall-Progett Network of Towns li tiegħu aħna partners mal-Kunsill Lokali Għarb. Huwa spjega li l-proġett beda u nhar il-Gimgħa ser issir l-ewwel mawra lejn l-Italja li għaliha ser jattendi hu bħala Sindku. Huwa spjega kif għandna nagħmluha ċara mal-Kunsill Lokali Għarb li d-dati taż-żjajar l-oħra għandna nistabilixxuhom flimkien u kemm jista jkun malajr. Sar qbil li għandu jiġi evitat x-xahar t'Awissu minħabba Tolfarte u l-

preparamenti tal-festa u li wkoll għandu jiġi stabilit budget għal kull safra. L-ispejjes tas-safra tas-Sindku għandhom jinħargu mill-fondi tal-proġett.

39.3.13 Is-Sindku rrefera wkoll għaż-żjara li kellu f'Tolfa b'konnessjoni mal-Olimpiadi della Cultura. Huwa rrefera għaż-żjara ta' tlett ijiem li kellu għal din l-attivita' u li għaliha kien hemm mal-10,000 kompetitur internazzjonali. Huwa rrefera għall-organizazzjoni tajba ħafna li biha hija organizzata din l-attivita' u wera x-xewqa li tkun ħaġa sabiħa li xi darba ntellgħu team jipparteċipa.

39.3.14 Is-Sindku rrefera għal-kaz li kellna riċentament biex niġbru l-karozzi abbandunati. Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi propona li nitolbu laqgħa mas-Supretendent tal-pulizija rigward dan u l-konċern tan-nies li qed jillinkjaw il-problema tas-serq ma dawn il-karozzi. Saret referenza għall-ittra li ntbgħatet lil Ministru, Kummissarju u Supretendent tal-Pulizija u li dwarha ttieħdet xi tip ta' azzjoni billi tneħħew xi vetturi pero din il-problema jidher li qed tippersisti u qed iddejjaq lir-residenti.

39.3.15 Is-Sindku rrefera wkoll għat-trinka li saret minħabba d-dawl ta' Lourdes u b'hekk issa l-problema tad-dawl tissolva.

## 39.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

39.4.1 Il-kunsilliera Karen Xuereb semmiet li avviċinawna xi nies biex issir talba sabiex tinżabar siġra quddiem il-Belvedere fi Triq Sant'Antnin li tinsab eżatt quddiem bank f'dan l-istess Belvedere. Sar qbil li għandna ngħaddu din it-talba lill-Ministeru għal Għawdex.

39.4.2 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għal fatt li sema' mingħand in-nies dwar il-proġett tal-mosaic ta' Garden Street. Huwa talab x'jinkludi dan il-proġett u għal fatt li huwa taċ-ċajt li materja ta' dan it-tip ma tiġix diskussa fil-laqgħat tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li dan il-progett ser ikun jikkonsisti fi fjuri tal-mosaic fuq rod fuq inizjattiva tat-Team Mosaic. Il-Kunsilliera Karen Xuereb talbet li tajjeb li meta jkun hemm pjan jew mudell jiġi diskuss fil-laqgħa qabel jiġi attwat. Il-Kunsillier Larry Buttigieg irrimarka wkoll li tkun ħaġa sabiħa li bħala Kunsill inkunu nfurmati bid-disinn u l-proġett.

39.4.3 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għal fatt li xħin tiġi biex toħroġ minn Triq Ġużeppi Cali għal Simirat huwa perikoluż ħafna biex toħroġ u għalhekk jinħtieġ mera li teħel ma' arblu li hemm fil-faccata. Sar qbil li għandna nwaħħlu mera miegħu.

39.4.4 Il-kunsillier Larry Buttiegieg reġgħa tenna t-talba sabiex innaqqsu parti minn dik it-Traffic island li konna qbilna dwarha fi Pjazza 10 ta' Diċembru .

39.4.5 Is-Sindku propona sabiex nerġħu nżommu żjara lill-għaqdiet tal-lokal billi jew inżurhom aħna jew jiġu hawn laqgħa biex nispjegawlhom it-twaqqif ta' Kumitat tal-Attivitajiet. Huwa propona li nistgħu wkoll norganizzaw *get-together* għalihom.

39.4.6 Il-Viċi Sindku rrefera għat-traffic management plans li kienu saru anke għall-parti l-qadima ta' Għajnsielem, biex jara f'hiex waslu u għaliex għadhom ma ġewx implimentati. Is-Segretarja wieġbet li ġew approvati iżda jinħtieġ li jiġu ordnati s-sinjali tat-traffiku.

39.4.7 Il-kunsillier Larry Buttigieg irrefera għal fatt li mar jirrapprezenta lill-Kunsill f'Jum il-Premjazzjoni tal-iskola primarja sabiex iqassam il-kotba f'isem il-Kunsill. Huwa spjega id-diżappunt tiegħu u ħassu tassew umiljat meta ġie avviċinat mill-preżentratriċi li la darba mhemmx is-Sindku jew il-Viċi Sindku, l-kotba ma jistgħux jitqassmu. Huwa fisser kif la darba ġie delegat din id-delega li jirrapreżenta l-Kunsill ma kellux jiħi trattat b'dan il-mod u xtaq li jikseb spjegazzjoni għal din id-deċiżżjoni. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob spjegazzjoni lil Kap tal-iskola dwar dan.

39.4.8 Il-kunsillier Peter Caruana talab sabiex isir tindif mill-ħaxix lit-taraġ pubbliku li hemm fi Triq Sant'Antnin.

39.4.9 Il-kunsillier Peter Caruana ressaq it-talba għall-bankina ta' Rose Portelli fi Triq St. Anthony. Huwa semma' li jinħtieġ li l-kurduna tibqa hemm u l-madum ser tipprovdih hi.

39.4.10Il-Kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex tittranġa bankina fi Triq Cordina bic-*cement.*

39.4.11Il-Kunsillier Buttigieg talab ukoll sabiex jinżabru xi siġar f'Ta' Lourdes li jinsabu mit-taraġ il-kbir l-isfel.

39.4.12Il-Kunsillier Larry Buttigieg fakkar lill-kunsill sabiex inħallsu l-ammont tat-tabib €100 u €40 lin-nurse għal meta ġew jagħtu l-labra tal-influenza.

39.4.13 Il-kunsilliera Karen Xuereb ssuggeriet li jsiru xi double yellow lines faccata tat-triq li minn Triq Garden tidhol fi Triq Benghazi peress li qed ikun difficli biex il-karozzi jiksru.

**39.5Korrispondenza u Rapport**

39.5.1 Ġiet trattata t-talba mingħand Maureen Vella għal double yellow line quddiem, Comino View Apts, fi Triq Xprunara. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi b'din it-talba.

39.5.1Ġiet trattata t-talba mingħand Maria Xuereb li toqgħod Flat 1, United Maison, Gudja Street, Għajnsielem biex tittranġalha l-ispaction tad-drenaġġ li ġiet mirduma meta saritilha l-bankina. Sar qbil li għandna naraw x'jinħtieġ isir billi naqilgħu l-madum u ssir l-ispaction.

39.5.2Ġiet trattata wkoll it-talba mingħand Anthony Tabone li joqgħod "Aynsley" St Anthony Street biex tinżabar siġra tal-ħarrub il-fuq mill-Knisja ta' Sant'Antnin. Sar qbil li għandna ninformaw lill-Ministeru għal Għawdex b'din it-talba.

39.5.3 Ġiet trattata t-talba mingħand Miriam Buttigieg għall-ħtieġa ta' metru double yellow line quddiem ir-residenza tagħha fi Triq il-Hamri. Sar qbil li għandna mmexxu din it-talba quddiem Transport Malta.

39.5.4 Ġiet trattata t-talba mingħand Aurelio Bugeja biex tittranġa bankina fi Triq Malta.

39.5.5 Ġiet trattata t-talba mingħand Lesley sabiex tittranga biċċa bankina qadima u ssir oħra ġdida fi Triq Malta. Kullma jinħtieg huwa speċi ta' kurduna u ftit cement. Saret referenza wkoll għall-ilment li x'ħin qed jitbattlu l-pools f'dawn l-inhawi qed issir *overflow*. Sar qbil li għandna niċċekjaw biex tinstab soluzzjoni.

39.5.6 Ġiet trattata t-talba mir-residenta ta' Carsons, Firilla Street biex tittranġa l-bankina. Din it-talba ġiet approvata.

39.5.7 Ġiet trattata t-talba mingħand Loretu Grima ta' Triq il-Gudja sabiex isiru ħadid fil-kantunieri tal-bankina biex jipproteġihielu.

39.5.8 Ġie trattat ilment mingħand xi residenti ħdejn ir-restaurant Porto Vecchio sabiex napplikawlhom għal *keep clear* peress li qed jipparkjawlhom ħdejn l-entratura tal-garage tagħhom. Sar qbil li għandna nressqu din it-talba quddiem Transport Malta.

## 39.6 Għeluq tal-offerta ta' Triq il-Briegħen u Xatt l-Aħmar – Miżura 4.3

39.6.1 Is-Sindku rrefera għat-talbiet ta' xi residenti u *farms* li hemm f'din it-triq fejn dawn talbu sabiex ngħaddu d-drenaġġ hekk kif ser nagħmlu t-triq. Is-Sindku kkuntatja lill-Inġinier Camilleri b'din it-talba u għandu jagħtina risposta. Huwa propona li jekk nistgħu ngħaddu katusa tad-drenagg mingħajr ħafna spejjes naraw nistgħux ninkluduha. Il-Kunsill qabel ma' dan iżda għandu jkun infurmat bl-istima tal-ispiża relatata.

39.6.2 Is-Sindku rrefera għal fatt li t-*tender* tal-Malta Enterprise biex jgħaddi l-Fibre optic għalqet u ser tiġi *awarded*. It-trinka ser issir mill-Malta Enterprise u b'hekk inkunu nistgħu nagħtu bidu għall-proġett flimkien.

39.6.3 Is-Sindku rrefera għal fatt li s-sejħa tal-offerta għalqet u għalhekk jinħtieġ li kemm jista jkun malajr isir l-*adjudication* tagħha. Bħala evaluation bord il-Kunsill ħatar lill-avukat Joshua Grech, lill-Accountant Pauliana Said, lill-Perit Shawn Micallef, lill-kunsillier Larry Buttigieg bħala Chairman u lis-Segretarja Lucienne Haber. Sar qbil li l-Bord għandu jiltaqa' malajr.

## 39.7Bidu ta' xogħolijiet fi Triq iż-Żewwieqa

39.7.1 Is-Sindku spjega li x-xogħol fuq Triq iż-Żewwieqa beda. F'din l-istess triq ser jinbidlu xi servizzi kemm mill-Water Services Corportation kif ukoll mill-Enemalta. Huwa semma' li l-Ministeru għal Għawdex qablu mal-estenzjoni fir-resurfacing ta' din it-triq sa' massimu tal-ispejjes ta' €80,000.

## 39.8 Laqgħa mal-Ministru għal Għawdex

39.8.1 Saret referenza għall-appuntament tal-laqgħa mal-Ministru għal Għawdex Justyne Caruana għal nhar il-Hamis 3 ta' Mejju fl-4:00pm. Il-Kunsill qabel li bħala punt fl-agenda għandna ninkludu l-possibilita' li nibdlu Behtlehem f'Għajnsielem bħala *multipurpose park* li jkun miftuħ is-sena kollha. Sar qbil ukoll li għandna nikkonsidraw x'punti oħra rridu niddiskutu fuq l-agenda.

## 39.9Talba għal Direct Order għal xiri ta' electric minivan

39.9.1 Wara li l-offerta għax-xiri ta' minivan ħarġet għar-raba darba, għal darb oħra reġgħa ma kienx hemm sottomissjonijiet. F'dan l-istadju l-Kunsill ma għandux triq oħra għajr li jipprova jmur għal Direct Order billi jagħmel talba formali lill-Ministru tal-Gustizzja u Gvern Lokali.

39.9.2 Sabiex isir dan il-Kunsill irid jiġbor stima. Sar qbil li għandna niġbru stima għal 7 *seater electric minivan.*

## 39.10Kwistjoni tal-Bring in Sites

39.10.1 Is-Sindku rrefera għall-problema tal-iskart domestiku u dak illegali li qed jintefa qrib il-*bring in sites.* Għalkemm il-*bring-in-sites* huma mgħammra bis-CCTV, ta' sikwit dawn il-*cameras* ikunu bil-ħsara jew inkella ma tagħrafx il-persuna jew in-numru tal-vettura speċjalment matul il-lejl. Qed jinġabar ħafna skart madwarhom u mhumiex qed jilħqu l-għan tagħhom dak li jintefa skart riċiklat. Il-Kunsilliera qablu wkoll li l-pubbliku huwa moqdi bis-servizz tal-ġbir ta' skart riċiklat kull nhar ta' Tlieta minn wara biebhom stess.

39.10.2 F'dawn iċ-ċirkustanza ta' użu ħażin ta' dawn il-bins, il-Kunsill qabel li jneħħi l-bins minn hemm u npoġġu biss il-bin tal-ħġieġ ħdejn l-ufficini tal-Kunsill ħdejn il-bins tal-ħwejjeg peress li l-ġabra tal-ħġieġ mhix biżżejjed darba fix-xahar.

39.10.3 Sar qbil li għandha ssir kampanja ta' nformazzjoni lill-pubbliku b'informazzjoni li l-bins tneħħew minn hemmhekk peress li l-post kien qed jiġi abbużat. Sar qbil li għandna nitolbu sabiex il-bins jitneħħew minn hemm minnufih.

## 39.11 Pavimentar f'Ta' Lourdes

39.11.1 Is-Sindku rrefera għaż-żjara li huwa flimkien mal-Perit Shawn Micallef u mas-Segretarju Eżekuttiv kellu f'ta' Lourdes fejn tlabna lill-Perit jipprovdilna pjanta u stima għall-pavimentar ta' din l-*area.*

## 39.12 Family park taħt Chambray

39.12.1 Is-Sindku propona li l-Kunsill għandu jlesti pjanti u pjani għall-*family park* taħt Chambray biex f'każ li tinqala opportunita' ta' fondi jkollna kollox lest. Sar qbil li għandna ninkarigaw lil Perit Godwin biex jagħmlilna dan ix-xogħol. Sar qbil ukoll li 'l-quddiem nkunu nistgħu nitolbu għajnuna lill-ambaxxati, lill-EkoGozo u anke xi skemi oħra ta' tisbieħ.

## 39.13 Applikazjoni NESA

39.13.1 Saret referenza għall-applikazzjoni tan-National Enterprise Support Award 2018 li tagħha l-Kunsill kien rebaħ il-premju fl-2015. Wara li

ċċekkjajna nistgħux nerġgħu napplikaw permezz tal-proġett ta' Bethlehem dwar kif qed jgħin biex titjieb l-intrapriża f'Għawdex, ġejna nfurmati li nistgħu nerġgħu napplikaw. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa jissottometti l-applikazzjoni tiegħu li tagħlaq nhar il-Ġimgħa 27 t'April 2018.

39.13.2 Is-Sindku semma li qed niġbru stqarrijiet mingħand varji stabilimenti biex jistqarru li permezz tal-proġett ta' Bethlehem f'Għajnsielem in-negozju tagħhom qed jimxi 'l quddiem.

**39.14 Attivita' ghal Jum l-Omm**

39.14.1 Sar qbil li għandna nerġgħu norganizzaw ħarġa għall-anzjani fl-okkażżjoni ta' Jum l-Omm.

**39.15Ħarġa għal Malta**

39.15.1Is-Sindku rrefera għal kuntatt li għamel miegħu s-Sindku ta' Ħaż-Żabbar fejn offrewlna li lesti li jospitawna bħala grupp bħala reċiproka għal fatt li konna lqajnihom meta ġew bi grupp ta' nies f'Għajnsielem. Il-Kunsill qabel li għandu jorganizza ħarġa għal Malta għall-aħħar ta' Mejju jew bidu ta' Ġunju u jdaħħal fiha fost oħrajn din iż-żjara.

39.16 **Approvazzjoni tal-Financial Statements**

39.16.1 Is-Segretarja preżentat l-emendi għall-Financial Statements 2017 kif preparati mill-Awdituri. Il-Kunsill qabel mal-emendi u japprovahom.

**39.17Approvazzjoni tal-Pagamenti**

39.17.1Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

**39.18 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

38.17.1Il-laqgħa ntemmet fit-8:00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 31 ta' Mejju fl-4:15 ta' filgħaxija.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**